



Brussell, 28 ta' Mejju 2021
(OR. en)

9158/21

LIMITE

ENFOPOL 201
SIRIS 50
COPEN 247
SCHENGEN 48
IXIM 99
CODEC 790
IA 104

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0349(COD)**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	5388/7/21 REV 7
Nru dok. Cion:	13908/20+COR 1
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' data personali mill-Europol b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni - Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

1. Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794, fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati, tal-ipproċessar ta' data personali mill-Europol b'appoġġ għal investigazzjonijiet kriminali, u tar-rwol tal-Europol fir-riċerka u fl-innovazzjoni¹, ġiet ippreżentata mill-Kummissjoni fid-9 ta' Diċembru 2020. Il-proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 88 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u hija soġġetta għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Meta ġiet ippreżentata kienet akkumpanjata minn Valutazzjoni tal-Impatt².

¹ 13908/20 + COR 1.

² 13908/20 ADD 1 + ADD 2 + ADD 3 (+ COR).

2. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni ppreżentat proposta relatata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1862 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni għidizzjarja f'materji kriminali fir-rigward tad-dħul ta' allerti mill-Europol³.
3. L-objettiv tal-proposta huwa li jissaħħaħ il-mandat tal-Europol f'għadd ta' oqsma fejn l-Istati Membri indikaw ħtiġijiet operazzjonali kbar – pereżempju biex tittejjeb il-kooperazzjoni tal-Europol ma' partijiet privati u ma' pajjiżi terzi, biex tiġi ċċarata l-possibbiltà li l-Europol tipproċessa settijiet ta' data kbar u kumplessi, jew biex jissaħħaħ ir-rwol tal-Europol fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni. Il-proposta għandha wkoll l-għan li ssaħħaħ il-kooperazzjoni tal-Europol mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), tallinja r-reġim tal-protezzjoni tad-data tal-Europol mar-Regolament (UE) 2018/1725, tespandi l-possibbiltà li l-Europol titlob il-bidu ta' investigazzjoni kriminali fi Stat Membru, u tippermetti lill-Europol tagħmel id-data minn pajjiżi terzi disponibbli għal uffiċjali tal-ewwel linja permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS).
4. L-Irlanda għamlet użu mill-possibbiltà stipulata fl-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21) għat-Trattati dwar il-Pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja u tat notifika tax-xewqa tagħha li tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-miżura proposta. B'applikazzjoni tal-Protokoll (Nru 22) għat-Trattati dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka, id-Danimarka mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni tal-miżura proposta.
5. Il-Parlament Ewropew (PE) ħatar lis-Sur Javier ZARZALEJOS (PPE, ES) bħala rapporteur. Fis-26 ta' Mejju 2021, is-Sur ZARZALEJOS ippreżenta l-abbozz ta' rapport tiegħu lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-PE. L-emendi jistgħu jitressqu sal-4 ta' Ġunju 2021.

³ 13882/20.

II. ĦIDMA FIL-KUNSILL

6. Il-ħidma ġiet organizzata madwar disa' blokok tematiċi u s'issa l-proposti ġew diskussi fi 12-il laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi (LEWP) u laqgħa waħda tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju ta' Informazzjoni tal-ĠAI (IXIM), b'żewġ laqgħat oħra tal-LEWP ippjanati għall-14 u l-21 ta' Ġunju 2021, li warajhom il-Presidenza ser tippreżenta r-riżultati tal-ħidma tagħha lill-COREPER sabiex tfittex mandat għal negozjati mal-PE dwar l-akbar għadd possibbli ta' blokok ta' negozjar.
7. Sar progress kbir. Għadd ta' blokok jistgħu jitqiesu magħluqa jew prattikament ma jeħtiġux aktar diskussjoni ħlief għal xi aġġustamenti tekniċi finali: dan huwa partikolarment il-każ tal-blokok 1 u 5 dwar il-kooperazzjoni ma' partijiet privati u ma' pajjiżi terzi, rispettivament, iżda wkoll tal-blokk 3 dwar ir-rwol tal-Europol fl-innovazzjoni u tal-blokk 6 dwar ir-relazzjoni bejn l-Europol u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, kien hemm ukoll qbil sħiħ mill-Istati Membri dwar il-bidliet meħtieġa fil-blokk 7 dwar il-bidu ta' proċedimenti kriminali.
8. Jista' jiġi nnutat ukoll progress sinifikanti fil-blokok li fadal li għadhom qed jiġu diskussi. Il-blokk 2 dwar it-trattament ta' settijiet kbar ta' data huwa teknikament ikkumplikat iżda l-Istati Membri għandhom għan komuni – reġim ibbażat fuq salvagwardji xierqa li ser jippermetti lill-Europol tappoġġa b'mod adegwat lill-Istati Membri fl-era tat-teknoloġiji moderni kkaratterizzati minn ammonti kbar ta' data li għandhom jiġu pproċessati. Il-blokk 8 dwar l-allinjament tar-reġim tal-protezzjoni tad-data tal-Europol mar-Regolament (UE) 2018/1725 ġie diskuss f'żewġ laqgħat u t-test ġie rivedut sabiex jakkomoda għadd ta' preokkupazzjonijiet imqajma mill-Istati Membri. U fl-aħħar nett, matul l-aħħar laqgħa tal-1 ta' Ġunju 2021, il-Presidenza ressqet it-tieni suġġeriment ta' kompromess dwar id-dħul ta' informazzjoni minn pajjiżi terzi fis-SIS, sabiex tinstab soluzzjoni li tagħlaq il-lakuna ta' informazzjoni perċepita u jkun jista' jinkiseb biżżejjed appoġġ fost l-Istati Membri. Dawn il-kwistjonijiet għadhom jeħtieġu aktar ħidma iżda għad hemm ċans li jiġu solvuti qabel l-aħħar ta' Ġunju.

9. Is-sitwazzjoni attwali u l-parametri ewlenin tal-ftehim fost l-Istati Membri dwar il-blokk ta' negozjati individwali jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:
- a) **Kooperazzjoni ma' partijiet privati (blokk 1):** l-Istati Membri qablu dwar għadd ta' żidiet u kjarifiki li għandhom isiru lill-proposta tal-Kummissjoni, eż. biex tiġi prevenuta kwalunkwe interferenza fil-ħidma tal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja skont il-qafas ġuridiku li attwalment japplika għalihom. Il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol għandu jistipula regoli u linji gwida ulterjuri, pereżempju fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-Istat Membru ta' stabbiliment ta' parti privata għandux jitqies awtomatikament bħala Stat Membru kkonċernat mill-iskambju ta' data li jsir magħha. Fir-rigward tal-kooperazzjoni ma' partijiet privati f'sitwazzjonijiet ta' kriżi online, saru kjarifiki biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi bejn l-Europol u l-Istati Membri.
- b) **Trattament ta' big data (blokk 2):** l-Istati Membri bħalissa qed jiddiskutu soluzzjoni li tiċċara aktar l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni, li huwa li jiġi żgurat li l-Europol tkun tista' twettaq analiżi minn qabel ta' settijiet kbar ta' data sabiex jiġi ddeterminat liema data li tinsab fihom hija kompatibbli mal-mandat tagħha u tista' tiġi pproċessata ulterjorment, u wkoll biex jiġi żgurat li l-Europol tkun tista' tappoġġa l-investigazzjonijiet tal-Istati Membri fuq talba tagħhom, irrispettivament minn jekk id-data kkonċernata hijiex kompatibbli mal-Anness II tar-Regolament dwar il-Europol, sakemm l-Istati Membri li jagħmlu t-talba għandhom il-permess li jipproċessaw dik id-data huma stess. Is-soluzzjoni ta' hawn fuq tikkonsisti parzjalment f'devjazzjoni mid-definizzjoni ta' fajl ta' każ investigattiv u minflok tirreferi sempliċiment għal data investigattiva, filwaqt li tispijega aktar is-sitwazzjonijiet rilevanti fil-premessi korrispondenti.

- c) **Innovazzjoni (blokk 3):** l-Istati Membri ċċaraw il-hteġa li l-Europol tingħata riżorsi adegwati biex taqdi r-rwol dejjem akbar tagħha fl-innovazzjoni għall-ħtiġijiet tal-infurzar tal-liġi Ewropea. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri jaqblu li l-Europol m'għandha tingħata l-ebda rwol fl-iskrinjar tal-Investment Dirett Barrani (IDB), kif propost inizjalment mill-Kummissjoni. Rigward l-użu tad-data trażmessa lill-Europol qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju, l-Istati Membri jixtiequ jiżguraw li l-Europol tkun tista' tuża biss data tal-passat għar-riċerka u l-innovazzjoni jekk is-sid tad-data jaqbel ma' dak l-użu, kemm jekk ikun *en bloc* kif ukoll għal proġetti individwali ta' riċerka u innovazzjoni. Fl-istadji tal-għeluq tan-negozjati, id-delegazzjonijiet qed jiddiskutu jekk dan il-ftehim għandux ikun ibbażat fuq sistema ta' nonparteċipazzjoni jew ta' inklużjoni fakultattiva.
- d) **Dħul ta' informazzjoni minn pajjiżi terzi fis-SIS (blokk 4):** saru għadd ta' diskussjonijiet kemm fil-LEWP kif ukoll fl-IXIM biex jiġu ddeterminati l-parametri ewlenin ta' soluzzjoni li tipprevedi d-dħul ta' informazzjoni minn pajjiżi terzi fis-SIS sabiex din tkun disponibbli għall-uffiċjali tal-ewwel linja. L-Istati Membri ma appoġġawx l-ewwel tentattiv biex jinstab kompromess li jżomm l-allerti ta' informazzjoni tal-Europol stess, b'aktar salvagwardji meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni (limitazzjoni għat-terroriżmu u għal pajjiżi terzi fdati, u possibbilment abbażi biss ta' talba espliċita minn Stat Membru). Fid-dawl ta' dan, il-Presidenza issa ressqet it-tieni suġġeriment ta' kompromess, li jikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ lill-Europol fl-analiżi u l-verifika ta' informazzjoni minn pajjiżi terzi, sabiex din tkun tista' tipproponi informazzjoni li għandha tiddaħħal fis-SIS mill-Istati Membri. Id-dispożizzjoni tkun akkumpanjata minn mekkaniżmu ta' rappurtar sabiex tiġi mmonitorjata s-sitwazzjoni attwali rigward l-allerti proposti mill-Europol. Din is-soluzzjoni bħalissa għadha qed tiġi diskussa fost l-Istati Membri.

- e) **Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi (blokk 5):** l-Istati Membri jaqblu dwar il-ħtieġa li jsir sforz għal progress aktar sinifikanti fil-possibbiltajiet għal kooperazzjoni strutturali ma' pajjiżi terzi, lil hinn minn dak inizjalment propost mill-Kummissjoni. Abbażi ta' dan, ġiet miżjuda dispożizzjoni ispirata mir-Regolament dwar il-Eurojust li tipprevedi trasferimenti ta' data lil pajjiżi terzi li għalihom salvagwardji xierqa fir-rigward tal-protezzjoni ta' data personali operazzjonali huma previsti fi strument legalment vinkolanti, jew huma stabbiliti bħala eżistenti abbażi tal-awtovalutazzjoni tal-Europol. Din il-possibbiltà teħtieġ awtorizzazzjoni mill-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol.
- f) **Relazzjoni bejn l-Europol u l-UPPE (blokk 6):** b'paragun mal-proposta inizjali tal-Kummissjoni, l-Istati Membri jaqblu dwar il-ħtieġa ta' korrispondenza aktar stretta bejn id-dispożizzjonijiet rilevanti fir-Regolament eżistenti dwar l-UPPE u d-dispożizzjoni l-għdida li qed tiġi diskussa. Ir-referenzi għal appoġġ attiv tħassru kemm fil-parti operattiva kif ukoll fil-premessa korrispondenti, u dan japplika wkoll għar-referenzi għall-appoġġ għal prosekuzzjonijiet, li tqiesu inkompatibbli mal-mandat tal-Europol. Min-naħa l-oħra, żdiedu referenzi għal restrizzjonijiet dwar l-użu tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li s-sidien tad-data jżommu kontroll sħiħ fuq it-trażmissjonijiet futuri tad-data tagħhom, inkluż lill-UPPE.
- g) **Talba mill-Europol biex jinbdew investigazzjonijiet kriminali fl-Istati Membri (blokk 7):** l-Istati Membri jopponu l-proposta tal-Kummissjoni li tiġi estiża l-possibbiltà li l-Europol titlob investigazzjonijiet f'każijiet fejn ikun ikkonċernat Stat Membru wiehied biss, u ddeċidew li jergġhu lura għall-formulazzjoni attwali tar-Regolament dwar il-Europol, li skontu mill-inqas żewġ Stati Membri jridu jkunu kkonċernati mid-delitt rilevanti li jaqa' fl-ambitu tal-oġettivi tal-Europol.

- h) **Reġim tal-protezzjoni tad-data tal-Europol (blokk 8):** il-proposta tal-Kummissjoni tikkonsisti prinċipalment f'allinjament orizzontali tar-reġim tal-protezzjoni tad-data tal-Europol li qabel kien indipendenti mar-Regolament (UE) 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Matul il-laqgħa tal-1 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni pprovdiet spjegazzjonijiet estensivi għal għadd ta' mistoqsijiet imqajma mill-Istati Membri bil-miktub, u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ta preżentazzjoni ġenerali dwar l-impatt tar-Regolament dwar il-Europol fuq il-protezzjoni tad-data. L-ewwel revizzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti diġà saret, bi kjarifiki rigward il-konsultazzjoni minn qabel għal tipi ġodda ta' operazzjonijiet ta' pproċessar, ipproċessar ta' ritratti fir-rigward tad-definizzjoni ta' data bijometrika, jew estensjoni mmirata tal-aċċess għal xi data minn uffiċjali tal-Istati Membri. Saru wkoll diversi korrezzjonijiet tekniċi f'dan il-kapitolu.
- i) **Dispożizzjonijiet oħra mhux inklużi f'ebda wieħed mill-blokk preċedenti (blokk 9):** l-eżami ta' dan il-blokk ta' negozjar għadu ma bediex. Dan ikopri diversi dispożizzjonijiet u emendi ġodda, pereżempju dwar l-appoġġ tal-Europol għall-attivitajiet tal-EMPACT, għal investigazzjonijiet dwar Miri ta' Valur Għoli (HVTs) u għal unitajiet ta' intervent, iżda wkoll dwar il-kooperazzjoni tal-Europol mal-OLAF, l-ENISA u mal-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja. Il-Presidenza qed tippjana li tindirizza dawn il-kwistjonijiet matul il-laqgħat li fadal tal-LEWP fl-14 u l-21 ta' Ġunju 2021.

III. KONKLUŻJONI

10. Sar progress sinifikanti ħafna matul dan is-semesteru, u d-delegazzjonijiet ikomplu janalizzaw il-proposta u r-reviżjonijiet suċċessivi tat-test tal-Presidenza fil-livell tekniku. Minkejja l-komplessità tal-proposta, il-Presidenza tibqa' impenjata b'mod sħiħ li tkompli taħdem fil-ġimgħat li fadal ta' dan is-semesteru sabiex tagħlaq l-eżami ta' kemm il-blokk ta' negozjati possibbli minn dawk imsemmija hawn fuq u tikseb mandat (parzjali) għal negozjati mal-Parlament Ewropew.
11. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jippreżenta dan ir-rapport ta' progress lill-Kunsill sabiex jieħu nota tiegħu fil-laqgħa tiegħu tas-7 u t-8 ta' Ġunju 2021.
